

Brussell, 24 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9113/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0159 (NLE)

MAR 67

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 314 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-għanijiet tas-sikurezza u r-rekwiżiti funzjonali għall-vapuri tal-passiġġieri ta' inqas minn 24 metru tul

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 314 final.

Mehmuż: COM(2018) 314 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2018
COM(2018) 314 final

2018/0159 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-għanijiet tas-sikurezza u r-rekwiżiti funzjonali għall-vapuri tal-passiġġieri ta'
inqas minn 24 metru tul**

{SWD(2018) 238 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fl-20 ta' Diċembru 2017, daħlu fis-seħħ l-emendi għad-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-vapuri żgħar tal-passiġġieri (jiġifieri, vapuri ta' inqas minn 24 m fit-tul), b'effett mill-21 ta' Diċembru 2019. Dan irriżulta mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) dwar il-leġiżlazzjoni ta' sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri tal-UE².

Id-Direttiva 2009/45/KE gābet magħha livell għoli komuni tas-sikurezza madwar l-UE u benefiċċji importanti fis-suq intern. Madankollu, naqset milli tagħmel dan fir-rigward ta' vapuri żgħar (ta' tul inqas minn 24 metru) li għalihom ma ġewx armonizzati diversi aspetti prinċipali tas-sikurezza (dan jirrifletti d-diffikultà li jiġu applikati l-istandards preskrittivi attwali b'mod komuni għall-varjetà kbira ta' vapuri żgħar u l-kundizzjonijiet li joperaw fihom madwar l-UE). Sar ċar ukoll li l-firxa wiesgħa ta' servizzi li dawn il-bastimenti huma mibnija għalihom tipproduċi varjetà wiesgħa ħafna ta' disinni u soluzzjonijiet tekniċi. Dan wassal biex l-identifikazzjoni ta' sett komuni ta' regoli dettaljati tkun sfida verament kbira u kien hemm bżonn ta' approċċ regolatorju differenti.

Madankollu, b'kollox, minn madwar 1950 vapur żgħir, madwar 60 vapur tal-azzar żgħir biss ġew iċċertifikati skont id-Direttiva 2009/45/KE. Dan minħabba l-fatt li l-maġġoranza l-kbira tal-vapuri żgħar bħalissa qed jinbnew b'materjali oħrajn differenti mill-azzar (injam, madwar 1000 vapur, materjal kompost, madwar 590 vapur u aluminju, madwar 170 vapur). Għal dawn il-vapuri, attwalment ma jeżisti l-ebda standard komuni jew punt ta' referenza tas-sikurezza, kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll fl-UE. Kull Stat Membru għandu approċċ differenti biex jirregola s-sikurezza tagħhom, u dan iwassal għal differenzi fil-miżuri, l-approċċi u l-interpretazzjonijiet, li jagħmel il-bini tal-vapuri għal suq intern usa' ħaġa ta' sfida.

In-nuqqas ta' standards tas-sikurezza armonizzati jippreżenta sfida importanti, speċjalment għas-sidien tal-vapuri Ewropej iżgħar, li jiddependu fuq is-suq użat b'vapuri żgħar tal-passiġġieri (72% minn madwar 360 sid ta' vapuri b'vapuri tal-passiġġieri fid-Direttiva 2009/45/KE għandhom vapur tal-passiġġieri domestiku wieħed biss). F'każ li l-vapur ma jkunx iċċertifikat skont id-Direttiva, fil-prinċipju għandu japplika r-rikonossiment reċiproku. Madankollu, fil-prattika, kull vapur huwa kważi prototip, jiġifieri, mibni għal skop speċifiku skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi determinati mis-sid futur tiegħu. Fil-każ tal-bidla tal-bandiera, il-vapur jeħtieġ għalhekk li jiġi mmodifikat u li jiġi ċċertifikat mill-ġdid – bl-ispejjeż addizzjonali assoċjati li jimplika dan.

F'dak li jikkonċerna l-istatistiċi tal-aċċidenti, kif irrappurtat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' appoġġ, id-dejta mill-2011 ma wriet l-ebda tħassib imminenti rigward is-sikurezza. Għall-vapuri domestiċi żgħar tal-passiġġieri li huma barra l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, ġew irreġistrati 555 aċċident bejn l-2011 u l-2017 fil-Pjattaforma Ewropea ta' Informazzjoni dwar id-Diżgrazzji tal-Baħar (EMCIP), b'165 persuna feruta u bi 11-il persuna mejta. Dan ifisser madwar 2 imwiet għal kull 100 aċċident u 1 persuna feruta għal kull 3 aċċidenti.

¹ Id-Direttiva (UE) 2017/2108 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 40-51).

² COM(2015)508.

Madankollu, in-nuqqas ta' ċerti rekwiżiti f'xi Stati Membri (eż. dwar is-subdiviżjoni tal-vapuri ż-żgħar) jew il-varjetà ta' rekwiżiti li jikkonċernaw eż. l-iżolament min-nar, joħloq il-bżonn għal iktar kunsiderazzjoni tal-livell ta' sigurtà miksub (determinat minn miżuri addizzjonali mfassla għall-kundizzjonijiet lokali u ġeofiżiċi, bħar-restrizzjonijiet tan-navigazzjoni).

L-għanijiet tas-sikurezza u r-rekwiżiti funzjonali proposti għall-vapuri tal-passiġġeri żgħar ta' tul inqas minn 24 m jipprevedu prinċipji rakkomandati għas-sikurezza ta' dawn il-bastimenti li, jekk jitħaddnu mill-Istati Membri u jiġu żviluppati iktar, iwittu t-triq għal approċċ iktar komuni fir-rigward tas-skurezza għall-vapuri tal-passiġġieri żgħar li joperaw fuq vjaġġi domestiċi fl-ilmijiet tal-UE.

Dan l-approċċ il-ġdid, ibbażat fuq il-prestazzjoni iktar milli fuq ir-rekwiżiti preskrittivi, iħalli grad ta' libertà biex isir aġġustament għaċ-ċirkostanzi lokali fejn ikun meħtieġ u jippromwovi disinji innovattivi. Jirrifletti aħjar ukoll il-varjetà wiesgħa ta' disinji, materjali u operazzjoni tal-vapuri tal-passiġġieri żgħar, li huma iktar sensitivi għall-kundizzjonijiet operattivi lokali.

Għaldaqstant, il-proposta tfittex li tistieden lill-Istati Membri biex iħaddnu l-approċċ ta' sikurezza rakkomandat, ibbażat fuq il-prestazzjoni għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Din il-proposta hija kompletament konsistenti mad-Direttiva (UE) 2017/2108, b'mod partikolari l-premessa 8 tagħha fejn il-koleġiżlaturi stiednu lill-Kummissjoni biex kemm jista' jkun malajr tadotta linji gwida għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisuhom meta jiddeterminaw l-istandards nazzjonali ta' sikurezza tagħhom. Dawn il-linji gwida għandhom iqisu kwalunkwe ftehim internazzjonali u konvenzjonijiet mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), kif xieraq u għandhom jevitaw milli jintroduċu rekwiżiti addizzjonali li jmorru lil hinn mir-regoli internazzjonali eżistenti. L-għan huwa li jwittu t-triq għal approċċ iktar komuni fir-rigward tas-sikurezza għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri li joperaw fuq vjaġġi domestiċi fl-ilmijiet tal-UE.

Il-proposta hija kompletament konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-kontroll tal-idoneità tar-REFIT dwar l-iżvilupp tal-linji gwida jew standards għal vetturi żgħar, fuq il-bażi tar-rekwiżiti funzjonali bħala parti minn qafas standard ibbażat fuq l-għanijiet. Ir-rakkomandazzjoni tibni primarjament fuq lezzjonijiet u esperjenzi miksuba fil-livell internazzjonali fil-qafas tal-OMI.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta taħdem fuq l-aġenda ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni billi tiżgura li l-azzjoni tal-UE hija meħtieġa, iżżid il-valur u żżomm il-pass mal-iżviluppi politiċi, soċjetali u teknoloġiċi li qed jevolvu. Hija taħdem ukoll fuq l-għanijiet tal-Istrateġija tat-Trasport Marittimu tal-2018³ billi fost l-oħrajn tiżgura servizzi ta' trasport ta' kwalità fuq l-ilma fit-trasport tal-passiġġieri fl-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 292 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li skontu, il-Kunsill jadotta rakkomandazzjonijiet li jaġixxu fuq proposta

³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni - L-Objettivi strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tal-UE tat-trasport marittimu sal-2018 (COM/2009/0008).

mill-Kummissjoni, flimkien mal-Artikolu 100 (2) TFUE li jipprevedi miżuri li għandhom x'jaqsmu mat-trasport fuq il-baħar.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Din l-inizjattiva timmira biex tiffaċilita t-trasferiment tal-vapuri bejn ir-reġistri nazzjonali u tippermetti biex il-kompetizzjoni sseħħ fuq l-istess livell, mingħajr ma tikkomprometti l-livell tas-sikurezza. Tipprovdi wkoll livell ta' sikurezza komuni rakkomandat fl-UE għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri li joperaw fuq vjaġġi domestiċi fl-ilmijiet tal-UE. L-ebda minn dawn l-oġġettivi ma tista' tinkiseb permezz ta' azzjoni unilaterali fil-livell tal-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

Ir-rakkomandazzjoni tipprovdi lill-Istati Membri punt ta' riferiment mhux vinkolanti fuq il-livell ta' sikurezza tal-vapuri żgħar tal-passiġġieri, li jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jiggwidaw lilhom infushom skont il-miri ta' sikurezza komuni, tibgħat sinjal ċar dwar il-potenzjal tas-suq intern u jkun jista' jinbena iktar fuqu. Il-kontroll ta' idoneità tar-REFIT irrakkomanda l-qafas tal-istandards ibbażati fuq il-prestazzjoni għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri bħala l-uniku approċċ regolatorju li jkun proporzjonat u li jiġġenera valur miżjud tal-UE. Dan l-approċċ iħalli grad ta' libertà biex isir aġġustament għaċ-ċirkostanzi lokali fejn ikun meħtieġ u jippromwovi disinji innovattivi.

- **Għażla tal-istrument**

Fid-dawl tan-novità tal-approċċ propost, l-adozzjoni tiegħu mill-Istati Membri tal-UE huwa essenzjali għas-suċċess tiegħu. Għalhekk, ir-rekwiżiti funzjonali u l-għanijiet ta' sikurezza proposti jitressqu quddiem l-Istati Membri bħala ispirazzjoni u gwida. Din l-inizjattiva tiegħu l-forma ta' Proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, biex tfittex l-approvazzjoni tal-approċċ propost mill-Kunsill fi strument mhux vinkolanti.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex post*/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din l-inizjattiva ssegwi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-kontroll tal-idoneità mmexxija mill-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT). Il-verifika tal-idoneità uriet li l-oġġettivi prinċipali tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri relatati mas-sikurezza tal-passiġġieri u mas-suq intern jibqgħu rilevanti ħafna. Madankollu, fost l-oħrajn identifikat ukoll għadd ta' kwistjonijiet sostanzjali, inkluż il-possibbiltà li jiġu żviluppati standards armonizzati għall-vapuri mhux mibnija mill-azzar jew materjali ekwivalenti, li attwalment mhumix koperti mill-qafas regolatorju tal-UE. Ir-riżultati tal-kontroll tal-idoneità u l-azzjonijiet ta' segwitu korrispondenti ġew deskritti fir-rapport tal-Kummissjoni.

- **Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati**

Ir-rekwiżiti funzjonali u l-għanijiet tas-sikurezza proposti għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri (il-Gwida tal-Vapuri Żgħar tal-Passiġġieri)⁴ ġew żviluppati ma' esperti nazzjonali u organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati fil-qafas tal-Grupp ta' Esperti tas-Sigurtà tal-Vapuri tal-Passiġġieri (PSS), li tkabbar għal dan l-iskop biex jinkludi osservaturi ta' partijiet interessati. Ix-xogħol tekniku ġie kkoordinat mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima,

⁴ Inizjalment żviluppat fit-titolu ta' ħidma "Kodiċi ta' Inġenji Żgħar".

li organizzat sessjoni ta' ħidma fit-13 ta' Novembru 2017, flimkien mal-laqgħat regolari tal-Grupp ta' Esperti PSS u kkoordinat grupp ta' korrispondenza stabbilit għal dan l-iskop.

Filwaqt li l-maġġoranza l-kbira ta' esperti minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti u organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati jappoġġjaw din l-inizjattiva, kien hemm xi mistoqsijiet dwar il-ħtieġa u l-valur miżjud ta' din l-inizjattiva. Il-ħarsa ġenerali u r-rispons ipprovdut għal dawn il-mistoqsijiet huwa rrappurtat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah.

Barra minn hekk, ġiet organizzata konsultazzjoni onlajn bejn Lulju u Novembru 2017⁵. Din il-konsultazzjoni kienet immirata lejn l-operaturi ekonomiċi involuti fil-bini u l-kummerċ tal-vapuri tal-passiġġieri li huma inqas minn 24 metru fit-tul, bħat-tarzni, disinjaturi, sidien u operaturi tagħhom. Il-partijiet interessati kollha l-oħrajn jistgħu jikkontribwixxu għal din il-konsultazzjoni kif iħossuhom tajbin. Din il-konsultazzjoni tnediet biex tiġbor l-opinjoni tal-operaturi ekonomiċi, speċjalment dawk iżgħar u iżgħar ħafna, dwar safejn ir-regoli komuni tal-UE għall-vapuri iżgħar tal-passiġġieri jistgħu jiffaċilitaw is-suq intern tal-vapuri iżgħar tal-passiġġieri. Il-konsultazzjoni mmirat ukoll biex tiġbor evidenza aneddotali biex tappoġġja dan. Ikkomplimentat il-konsultazzjoni msemmija hawn fuq mal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet interessati li ffukat fuq l-iżvilupp tekniku tar-rekwiżiti funzjonali u l-għanijiet tas-sikurezza nnifishom.

B'mod ġenerali, ir-risultati wrew li din l-inizjattiva hija appoġġjata bil-qawwa mill-operaturi ekonomiċi (kif ukoll minn ftit amministrazzjonijiet nazzjonali li sottomettew ukoll it-tweġibiet jew il-pożizzjonijiet tagħhom) u li r-regoli tas-sigurtà komuni tal-UE għall-vapuri iżgħar tal-passiġġieri jidhru li għandhom impatt pożittiv jew pożittiv ħafna fuq l-istabbiliment u l-iffaċilitar tas-suq intern ma' dawn il-bastimenti, il-kompetizzjoni li qed tiżdied u possibbilment ukoll l-innovazzjoni fis-suq. Fil-kummenti ġenerali tagħhom, dawk li wiegħbu enfasizzaw li kwalunkwe regola komuni tal-UE għandha tkun ibbażata fuq prattiki eżistenti u għandha tkun flessibbli biżżejjed biex tippermetti li l-kundizzjonijiet tat-tħaddim lokali u l-kompetenza esperta jiġu riflessi sew.

Fir-rigward tan-novità tal-approċċ rakkommandat, tqies li għadu kmieni għall-adozzjoni tar-regoli komuni tal-UE. Huwa meħtieġ iktar żvilupp tal-qafas komuni tas-sikurezza bbażat fuq il-prestazzjoni għall-vapuri iżgħar tal-passiġġieri biex jiġi identifikat u vvalutat, flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet interessati, kif dan jista' jsir fil-livell tal-UE u l-impatti tiegħu.

• **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Billi tikkonċerna d-dejta fuq il-flotta u l-aċċidenti, din l-inizjattiva tibni fuq id-dejta miġbura waqt il-proċess tal-kontroll tal-idoneità REFIT u hija rrappurtata fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: "Kors ta' aġġustament: Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni dwar is-Sigurtà tal-Vapuri tal-Passiġġieri tal-UE", adottat fis-16 ta' Ottubru 2015⁶. Is-sejbiet tal-istudju estern imwettaq għas-sostenn tal-kontroll tal-idoneità ntużaw ukoll⁷, kif ukoll ir-risultati tax-xogħol preċedenti dwar din il-kwistjoni. L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima (EMSA) pprovdiet l-assistenza teknika essenzjali f'dan il-proċess, inkluż ħarsa ġenerali tal-iktar prattiki eżistenti rilevanti għal dawn il-vapuri.

⁵ Websajt ta' konsultazzjoni: <https://ec.europa.eu/info/consultations/targeted-consultation-safety-goals-and-functional-requirements-small-passenger-ships>.

⁶ SWD(2015)197

⁷ Tractebel, 2015. Support Study for the Fitness Check (FC) – Evaluation of Passenger Ship Safety Legislation (ippubblikat fl-EU bookshop: <https://publications.europa.eu/en/web/general-publications/publications>)

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta ma tiddefinixxi ebda standard jew proċedura speċifiċi tas-sikurezza u għalhekk mhux mistennija li jkollha xi impatti sinifikanti diretti jew alternattivi tal-politika li jistgħu jkunu vvalutati *ex-ante*. Ir-rekwiżiti funzjonali u l-għanijiet tas-sikurezza rakkomandati ġew żviluppati fuq il-bażi ta' prattiki eżistenti u flimkien mal-esperti tal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati. F'dan l-istadju, jitressqu quddiem l-Istati Membri bħala ispirazzjoni u gwida, biex juru li approċċ iktar komuni għas-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri huwa fattibbli. Fl-ebda każ ma huma intenzjonati biex jiġu applikati b'mod obbligatorju.

Il-proposta hija akkumpanjata minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jiddeskrivi l-prattiki rilevanti eżistenti u jirrapporta dwar l-input tal-partijiet interessati. Jekk fil-futur il-Kummissjoni tiddeċiedi li tkompli fuq din l-inizjattiva bl-iżvilupp ta' standards jew proċeduri tas-sikurezza speċifiċi, titwettaq valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din l-inizjattiva hija bbażata fuq dak li jissejjaħ il-qafas tal-istandards ibbażat fuq il-prestazzjoni li ġie identifikat fil-kontroll tal-idoneità REFIT bħala l-uniku approċċ regolatorju li jkun proporzjonat u li jiġġenera valur miżjud. Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jiġġwidaw lilhom infushom bir-rekwiżiti funzjonali u bl-għanijiet tas-sigurtà komuni għal dan it-tip ta' vapuri fil-livell tal-UE, dan jibgħat messaġġ ċar fuq il-potenzjal tas-suq intern li jkun jista' jkompli jinbena fuqu.

Peress li din l-inizjattiva, f'dan l-istadju, ma timmirax biex tiddefinixxi xi standard jew proċedura tas-sikurezza speċifika u peress li l-użu tagħha se jitħalla kompletament għad-deċiżjoni tal-Istati Membri, mhuwiex mistenni li jkollha xi benefiċċji u ffrankar kwantifikabbli immedjat. Dawn l-impatti jiġu kkwantifikati f'każ li din l-inizjattiva tittieħed b'suċċess u tkompli tiġi żviluppata.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta m'għandha l-ebda konsegwenza għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' valutazzjoni u ta' rappurtar**

Mhumieq previsti arranġament ta' rappurtar.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhumieq meħtieġa dokumenti ta' spjegazzjoni għal din it-tip ta' inizjattiva.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti funzjonali u l-għanijiet tas-sikurezza proposti (il-Gwida tal-Vapuri Żgħar tal-Passiġġieri), l-għan huwa li jkopri l-vapuri żgħar tal-passiġġieri kollha li huma inqas minn 24 m fit-tul, irrISPettivament mill-materjal li huma mibnjin minnu. Il-Gwida tal-Vapuri Żgħar tal-Passiġġieri ġiet ispirata mill-approċċi regolatorji bbażati fuq il-prestazzjoni eżistenti u tikkorrispondi għall-ewwel żewġ livelli tal-

mudell standard ibbażat fuq l-għanijiet tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-esperjenza mal-applikazzjoni tiegħu.

L-istruttura tal-Gwida tal-Vapuri Żgħar tal-Passiġġieri proposta ssegwi l-kategoriji tas-sikurezza u subkategoriji f'konvenzjonijiet u kodiċijiet marittimi eżistenti, jiġifieri, kategorija ta' sikurezza (Kapitolu) u subkategorija ta' sikurezza (Regolament), inkluż (a) rekwiżit funzjonali; (b) perikli indirizzati; u (c) rekwiżit tal-prestazzjoni.

L-esperjenza uriet li d-definizzjoni ta' saff separat ta' għanijiet għal kull rekwiżit funzjonali speċifiku wera li kellu valur miżjud relattivament żgħir. Għaldaqstant, fil-Gwida tal-Vapuri Żgħar tal-Passiġġieri, l-għanijiet u r-rekwiżiti funzjonali ngħaqdu. Madankollu u fuq il-bażi tar-rispons mill-esperti, tfasslu għadd ta' għanijiet ġenerali għall-Gwida fit-totalità tagħha (milli għal kull rekwiżit).

Ir-rekwiżiti funzjonali ġew estratti jew ispirati minn sorsi eżistenti u esperjenzi fil-livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni SOLAS 1974, ix-xogħol li għaddej fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, il-leġislazzjoni nazzjonali tal-Iżvezja, kif ukoll ir-regoli tal-ANEP 77. Fejn kien disponibbli, intużaw l-istess sorsi biex jiġu stabbiliti l-perikli indirizzati u r-rekwiżiti ta' prestazzjoni li jikkorrispondu. Il-formolazzjoni tal-kliem tar-rekwiżiti funzjonali ġiet irfinata flimkien mal-esperti, kif deskritt fid-dettall fid-dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' appoġġ. F'każ ta' opinjonijiet diverġenti, inżammet is-soluzzjoni appoġġjata mill-maġġoranza tal-esperti.

Fl-aħħar nett, il-Gwida tal-Vapuri Żgħar tal-Passiġġieri nkitbet b'attenzjoni biex kemm jista' jkun tevita kliem kwalitattiv u soluzzjonijiet tekniċi speċifiċi biex tevita ambigwità u biex ma tfixkilx l-innovazzjoni.

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-għanijiet tas-sikurezza u r-rekwiżiti funzjonali għall-vapuri tal-passiġġieri ta' inqas minn 24 metru tul

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 292 u 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2017/2108 tal-Parlament Ewropew u ta-Kunsill⁸ li ġiet adottata fil-15 ta' Novembru 2017 eskcludiet il-vapuri tal-passiġġieri li huma inqas minn 24 metru fit-tul ("vapuri żgħar tal-passiġġieri") magħmulin mill-azzar jew materjal ekwivalenti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u ta-Kunsill⁹ skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-kontroll tal-idoneità tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) dwar il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri tal-UE¹⁰. Din l-emenda se tkun applikabbli mill-21 ta' Diċembru 2019.
- (2) Il-kontroll tal-idoneità wera li r-rekwiżiti preskrittivi tad-Direttiva 2009/45/KE li jirriżultaw mill-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar tal-1974 ('il-Konvenzjoni SOLAS tal-1974') urew diffikultà biex jadattaw għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri. Fin-nuqqas ta' tħassib speċifiku fuq is-sikurezza u standards adegwati pprovduti mid-Direttiva 2009/45/KE, il-vapuri li huma inqas minn 24 m fit-tul, għalhekk ġew esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.
- (3) Il-vapuri żgħar tal-passiġġieri prinċipalment jinbnew minn materjali li mhumex l-azzar u l-maġġoranza l-kbira ta' din il-flotta għalhekk kienet diġà ċċertifikata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-Istati Membri għandhom approċċi differenti biex jirregolaw is-sikurezza tal-vapuri żgħar tal-passiġġieri, li jwassal għal differenzi fl-istandards u r-regoli tas-sikurezza. Din id-diverġenza tikkostitwixxi sfida importanti, speċjalment għal sidien tal-vapuri iżgħar fl-Unjoni, li jiddependu fuq is-suq tal-vapuri żgħar tal-passiġġieri użati. Dan ġie kkonfermat mir-riżultati tal-konsultazzjoni miftuħa, fejn il-maġġoranza ta' daww li wieġbu kienu intrapriżi żgħar jew mikrointrapriżi. Il-konsultazzjoni uriet li approċċ iktar komuni għar-regoli tas-sikurezza għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri jista' jkollu impatt pożittiv fuq il-funzjonament tas-suq intern f'dan il-qasam.

⁸ Id-Direttiva (UE) 2017/2108 tal-Parlament Ewropew u ta-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 40).

⁹ Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u ta-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

¹⁰ COM(2015) 508.

- (4) Ġie stabbilit suq intern għall-inġenji ta' rikreazzjoni permezz tad-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, li tarmonizza l-karatteristiċi tas-sikurezza tal-inġenji ta' rikreazzjoni fl-Istati Membri kollha u b'hekk tneħħi ostakoli għall-kummerċ fihom bejn l-Istati Membri. Dan mhuwex il-każ għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri.
- (5) Il-kontroll tal-idoneità rrakkomanda qafas tal-istandards ta' prestazzjoni bħala l-uniku approċċ li jista' jkun proporzjonat u li jista' jiġġenera valur miżjud fil-livell tal-Unjoni. Dan l-approċċ iħalli grad ta' libertà biex jiġi aġġustat maċ-ċirkostanzi lokali fejn ikun hemm bżonn u jippromwovi disinji innovattivi, soġġetti għall-verifika li jintlaħaq il-livell ta' sikurezza meħtieġ. B'paragun ma' qafas regolatorju preskrittiv, jirrifletti aħjar il-varjetà wiesgħa ta' disinji, materjali u operazzjoni tal-vapuri żgħar tal-passiġġieri, kif ukoll il-fatt li l-Istati Membri huma f'pożizzjoni aħjar biex jivvalutaw il-limitazzjonijiet lokali fuq in-navigazzjoni tal-vapuri żgħar tal-passiġġieri f'termini ta' distanza għax-xatt jew il-port u l-kundizzjonijiet tat-temp.
- (6) Ir-rekwiżiti funzjonali u l-għanijiet tas-sigurtà annessi ma' din ir-Rakkomandazzjoni huma bbażati fuq dan il-qafas ta' standards ta' prestazzjoni, kif ukoll fuq l-esperjenza internazzjonali, nazzjonali u tal-Unjoni eżistenti. Ġew żviluppati flimkien mal-partijiet interessati u mal-esperti tal-Istati Membri u jekk jitħaddnu mill-Istati Membri u jkomplu jiġu żviluppati jistgħu jipprovdu referenza għall-passiġġieri li jbaħħru domestikament fuq daww il-vapuri fl-ilmijiet tal-Unjoni. Jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għall-operaturi u l-manifatturi tal-Unjoni għas-suq tal-Unjoni usa' wkoll.
- (7) Din ir-Rakkomandazzjoni tinkludi rekwiżiti funzjonali u għanijiet tas-sikurezza li huma aktar adattati għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri. L-Istati Membri għalhekk għandhom ikunu mistiedna biex jiggwidaw lilhom infushom bir-rekwiżiti funzjonali u bl-għanijiet tas-sikurezza meħmuża f'din ir-rakkomandazzjoni, sabiex jiksibu approċċ iktar komuni lejn ir-regoli ta' sikurezza applikabbli għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI: 1. L-Istati Membri huma mistiedna biex iwittu t-triq lejn approċċ iktar komuni għar-regoli tas-sikurezza għall-vapuri tal-passiġġieri li huma inqas minn 24 metru fit-tul ('vapuri żgħar tal-passiġġieri') li joperaw fuq vjaġġi domestiċi fl-ilmijiet tal-Unjoni u la jkun ingeni ta' rikreazzjoni kif definit fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2013/53/UE u lanqas vapuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/45/KE, kif emendat bid-Direttiva (UE) 2017/2108 u applikabbli mill-21 ta' Diċembru 2019.

2. Għal dan l-għan, huwa rrakkomandat li mill-21 ta' Diċembru 2019, l-Istati Membri tal-UE:
 - (a) jiggwidaw lilhom infushom, fejn rilevanti, bir-rekwiżiti funzjonali u l-għanijiet ta' sikurezza għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri espressi fl-Anness;
 - (b) jappoġġjaw iktar żvilupp tal-għanijiet u r-rekwiżiti msemmija fil-punt (a) fil-qafas ibbażat fuq il-prestazzjoni, inkluż l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' forum alternattivi tal-verifika u l-implimentazzjoni tagħhom;
 - (c) jinkoraġġixxu l-involvement tal-partijiet interessati f'dan il-proċess.

¹¹ Revokata u sostitwita bid-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 90).

3. Ir-Rakkomandazzjoni ma tinterferixxix mad-dritt tal-Istati Membri biex jiddefinixxu r-regoli ta' sikurezza applikabbli għall-vapuri żgħar tal-passiġġieri msemmija fil-punt 1.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President